MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2009

Avviz Numru. 365/2009

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**Anthony Berry, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 398858(M) u Mary Berry, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 396857(M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' sebat elef, erba mija u wiehed u ghoxrin Ewro u tmienja u tmenin Ewro centezmi (€7421.88) u cioe kwantu ghal sitt elef, seba mija u disa' u sebghin Ewro u tlieta u tmenin Ewro centezmi (€6779.83) rapprezentanti capital mghoddi u misluf lill-intimati u kwantu ghal sitt mija tnejn u erbghin Ewro u hames Ewro centezmi (€642.05) rapprezentanti interessi gja nkorsi bir-rata ta' tmienja (8%) fil-mija sa l-1 ta' Settembru 2009 dovuti fuq il-kont bin-numru 033-

196338-300 u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-Personal Term Credit Agreement annessa mal-avviz oltre imghaxijiet ulterjuri dekorribbli mit-2 ta' Settembru 2009 bir-rata ta' tmienja (8%) fil-mija sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ai termini ta' l-Art 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li jigi rilevat illi ma hemm ebda document imsemmi fl-avviz u li hu anness mal-istess avviz.

Wara li rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Dicembru 2009 (fol 8 tal-atti) minn fejn jirrisulta illi l-konvenuta, wahedha, ammettiet, fil-konfront taghha biss, illi l-ammont in kwistjoni huwa dovut bhala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejnha u zewgha l-konvenut.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-2 ta' Dicembru 2009 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' €7421.88 bl-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u imsemmija fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------